# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Rikors Numru: 316/2021 RM**

**Creek Developments plc (C50531)**

**-Vs-**

**Paul Schembri (K.I. 120863M)**

**Illum, 14 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Creek Developments plc (C50531) fil-15 ta' Novembru 2021 fir-Reġistru tal-Qorti fejn talbet illi l-konvenut Paul Schembri jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' tmint elef, mija u seba' Ewro u żewġ ċenteżmi (€8,107.02) rappreżentanti bilanċ għas-servizzi ta' *boat berthing* (Dok. CD1) provduti mis-soċjetà rikorrenti lil-konvenut, fuq inkarigu tal-istess konvenut.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment ma' dan l-avviż u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut li minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut minkejja li ġie notifikat bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ fl-24 ta' Novembru 2021, baqa' ma deherx quddiemha biex jikkontesta l-kawza u lanqas ma ppreżenta ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi;

Rat id-dikjarazzjoni li saret mill-abbli avukat tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2022 u fis-seduta tat-28 ta' Frar 2022 fis-sens illi l-konvenut kien qed jagħmel ħlasijiet akkont tal-ammont reklamat mis-soċjeta' attriċi;

Rat ukoll in-nota tas-soċjeta' attriċi ippreżentata fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022 fejn irriduċiet l-ammont mitlub fir-Rikors promotur in linea ta' sorte, għas-somma bilanċjali ta' €3,139.22;

Semghet ix-xhieda ta' Sarah Gauci Carlton fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022;

Rat illi l-konvenut ma deherx fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2022 sabiex iwieġeb għall-kapitolu għas-subizzjoni tiegħu li ġie ppreżentat u approvat fl-24 ta' Ottubru 2022;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet lill-abbli avukat tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2022 jitlob li l-kawża tibqa' differita għas-sentenza u rat illi hija laqgħet din it-talba;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm il-konvenut, debitament notifikat bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, baqa' ma ppreżentax risposta u lanqas deher quddiem il-Qorti biex tikkontesta t-talba tas-soċjeta' attriċi kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba attriċi ġiet ippruvata jew li għandha bil-fors tintlaqa'. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentment, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tieghu fil-grad probatorju mehtieg mil-liġi fil-kamp ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Issa fil-kaz in dizamina jirrizulta illi fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2022, il-konvenut, wara li ġie debitament imsejjaħ għas-subizzjoni, naqas milli jidher biex iwieġeb għad-domandi in subizzjoni. Skont kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna[1], in-nuqqas minghajr raguni valida tas-subent li jidher u jwieġeb għall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intizi biex jagħmlu prova tad-domanda attriċi - jitqies bhala preżunta konfessjoni.

Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss wahda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tingieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput[2] li din il-prova waħedha mhux neċessarjament biżżejjed biex tissodisfa l-piż tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-suċċess tal-pretensjoni tiegħu. Jingħad ukoll illi l-ġudikant m'huwiex marbut f'kull kaz bil-konfessjoni li tista' tirriżulta min-nuqqas li jitwieġbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din il-preżunta konfessjoni tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirriżultaw mill-atti proċesswali, u dan in omaġġ għall-prinċipju *actor non probante reus absolvitur*.

[1] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et –** deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018.
[2] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et –** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia**[3], bin-nuqqas tal-konvenut li jwieġeb għall-kapitoli, dawn :-

"*… … … jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti.*"

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ odjern, b'żieda mas-subizzjoni tal-konvenut, il-kumpannija attriċi ressqet ukoll bhala xhud lil Sarah Gauci Carlton li xehdet bil-ġurament[4] illi l-ammont indikat fl-i*statement of account* anness mar-Rikors promotur[5], reklamat mis-soċjeta' attriċi f'din il-kawża, tirrappreżenta l-prezz ta' servizzi konsistenti fil-provviżjoni ta' faċilitajiet ta' rmiġġ għall-lanċa tal-konvenut. Xehdet ukoll illi l-konvenut għamel żmien ma kienx qed iħallas l-ammont dovuti fuq dan l-irmiġġ iżda fil-mori ta' dawn il-proċeduri, għamel xi pagamenti akkont tal-arretrati li kienu akkumulaw. Madanakollu, il-konvenut ma għamel ebda pagament ieħor minn Awwissu 2022 sal-lum, bir-riżultat li l-bilanċ li huwa dovut lis-soċjeta' attriċi mill-ammont totali pretiż fir-Rikors promotur fis-somma ta' €8,107.02, illum huwa ta' €3,139.22. Dan ġie konfermat bil-ġurament tal-istess Sarah Gauci Carlton.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-konvenut li, kif ingħad, baqa' qatt ma deher u baqa' qatt ma kkontesta jew talab li jikkontesta t-talba. Fil-qies ta' dan kollu - inkluż il-konfessjoni tal-istess konvenut li ġiet ipprovokata min-nuqqas tiegħu li jwieġeb għall-kapitolu għas-subizzjoni tiegħu- il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici

[3] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000.
[4] Xhieda tal-24 ta' Ottubru 2022.

[5] Statement datat 11 ta' Novembru 2021, fol. 2.

rnexxielha tipprova b'mod sodisfacjenti u fil-grad meħtieġ fil-kamp ċivili, illi l-ammont bilanċjali ta' €3,139.22 għadu dovut lilha mill-konvenut.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi illi tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lil-konvenut PAUL SCHEMBRI iħallas lill-istess soċjeta' attriċi is-somma bilanċjali ta' tliet elef mija u disgħa u tletin Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€3,139.22) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tan-notifika tal-konvenut bir-Rikors promotur, 24 ta' Novembru 2021.**

**L-ispejjeż kif mitluba fl-istess Rikors promotur jitħallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**